**Dispożittiv**

1) *Ir-rikors huwa miċħud.*

2) *Syriatel Mobile Telecom (Joint Stock Company) għandha tbati l-ispejjeż tagħha stess kif ukoll dawk sostnuti mill-Kunsill tal-Unjoni Ewropea*

---

([1]) ĠU C 139, 15.4.2019.

---

**Digriet tal-Qorti Ġenerali tal-11 ta' Settembru 2019 – Makhlouf vs Il-Kunsill tal-Unjoni Ewropea**

**(Kawża T-57/19)** ([1])

***("Rikors għad-danni – Politika estera u ta' sigurtà komuni – Miżuri restrittivi meħuda kontra s-Sirja – Iffriżar ta' fondi – Nuqqas ta' ġurisdizzjoni")***

(2019/C 399/79)

*Lingwa tal-kawża: il-Franċiż*

**Partijiet**

*Rikorrent:* Rami Makhlouf (Damasku, is-Sirja) (rappreżentanti: E. Ruchat, avukat)

*Konvenut:* Il-Kunsill tal-Unjoni Ewropea (rappreżentanti: A. Jaume u V. Piessevaux, aġenti)

**Suġġett**

Talba bbażata fuq l-Artikolu 268 TFUE u intiża sabiex jinkiseb kumpens għad-dannu li r-rikorrenti allegatament ġarrbet wara l-adozzjoni tad-Deċiżjoni tal-Kunsill (PESK) 2018/778 tat-28 ta' Mejju 2018 li temenda d-Deċiżjoni 2013/255/PESK dwar miżuri restrittivi kontra s-Sirja (ĠU 2018, L 131, p. 16), u l-atti ta' implementazzjoni sussegwenti tagħha, kif ukoll wara d-Deċiżjoni tal-Kunsill (PESK) 2019/806 tas-17 ta' Mejju 2019 li temenda d-Deċiżjoni 2013/255/PESK dwar miżuri restrittivi kontra s-Sirja (ĠU 2019 L 132, p. 36), sa fejn jikkonċernaw lir-rikorrent.

**Dispożittiv**

1) *Ir-rikors huwa miċħud.*

2) *Rami Makhlouf għandu jbati l-ispejjeż tiegħu stess kif ukoll dawk sostnuti mill-Kunsill tal-Unjoni Ewropea.*

---

([1]) ĠU C 139, 15.4.2019.